**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 450/2015**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Victor Falzon**

Illum, 08 ta' Jannar 2020

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Victor Falzon, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 540961M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-gzejjer, fis-17 ta' Jannar, 2009, u fis-snin ta' qabel din id-data:

1. Forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni, jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga, u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-raba' u s-sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xorta oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu w naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-uzu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx għall-uzu esklussiv tiegħu;
3. Kellu fil-pussess tiegħu r-raza meħuda mill-pjanta tal-kannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta kannabis, kollha jew biċċa minnha, bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Ottubru, 2015, fejn il-Qorti sabet l-imputat mhux ħati tal-imputazzjoni (a) migjuba kontra tiegħu u lliberatu minnha, filwaqt illi sabitu ħati tal-imputazzjonijiet (b), (c) u (d), u kkundannatu għal piena ta' sitt xhur prigunerija effettiva u multa ta' disa' mija u erbgħin ewro li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50). *Ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti kkundannat lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjez konnessi mal-ħatra tal-esperti f'dawn il-proceduri *ossia* l-ispejjez relatati mar-relazzjoni tal-espert, ix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti għas-somma ta' mitejn, erbgħa u sittin ewro u tnejn u tletin centezmu (€264.32), liema spejjez għandhom jitħallsu mill-ħati fi zmien sitt xhur mil-lum. Il-Qorti ma kkundannatx lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjez konnessi mal-inkarigu tal-espert Joseph Mallia u dan *stante* li l-analizi tal-istess espert tat ezitu negattiv.

Ordnat id-distruzzjoni tad-droga u l-oggetti kollha esebiti bħala dokumenti DT2, DT3 u DT4, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in gudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Registratur li għandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-

distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax –il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Victor Falzon, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-14 ta' Ottubru, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tilqa' l-appell billi filwaqt illi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza moghtija fl-ismijiet '***Il-Pulizija vs Victor Falzon***' moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, nhar it-2 ta' Ottubru, 2015, fejn ma sabitx lill-esponenti appellant hati taht l-imputazzjoni (a) migjuba fil-konfronti tieghu;
2. Tirrevoka u thassar il-kumplament tas-sentenza appellata fejn sabet lill-esponenti appellant hati taht l-imputazzjonijiet (b), (c) u (d) u tiddikjara lill-appellant mhux hati tal-imputazzjonijiet imsemmija (b), (c) u (d) migjuba kontra tieghu u tilliberah minn kull htija u piena;
3. F'kaz illi din it-talba principali biex l-appellant jigi liberat mill-imputazzjonijiet li taghhom instab hati ma tigix akkolta, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi timmitiga l-piena nflitta u tikkancella l-ordni moghtija lill-appellant fir-rigward ta' sitt xhur prigunerija effettiva u multa ta' disa' mija u erbghin ewro (€940), kif ukoll tikkunsidra l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti f'dawn il-proceduri *ossia* l-ispejjez relatati mar-relazzjoni tal-espert, ix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' mitejn, erbgha u sittin ewro u tnejn u tletin centezmu (€264.32), u dana billi kif hekk joghgobha taghti sentenza inqas harxa kif hekk jidhrilha xierqa din l-Onorabbli Qorti tenut kont tac-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, Victor Falzon, huma s-segwenti w *cioe'*:-

1. L-aggravju tal-appellant huwa fis-sens illi l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha minghajr dubju ragjonevoli u ghaldaqstant ma kienx hemm evalwazzjoni tajba tal-provi migjuba kif rikjesta f'kamp kriminali. B'mod partikolari, l-esponenti hass ruhu aggravat bis-sejbien ta' htija taht l-akkuza (b) talli skond l-Onorabbli Qorti, huwa naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu, inkluz l-evalwazzjoni tal-provi u s-sejbien ta' taht l-akkuzi (c) u (d).

   Illi bid-dovut rispett f'dak li jirrigwardja l-kuncett ta' uzu personali, wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga hux ammont li normalment wiehed jassocjah ma' uzu personali u sa hawn, il-piz ta' prova tinkombi fuq il-Prosekuzzjoni. Jekk il-Prosekuzzjoni ma jirnexxilhiex twettaq dan, jispetta lill-imputat imqar fuq bazi ta' probabbilta' li dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu.

F'dan il-kaz mill-assjem tal-provi, l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova minghajr dubju ragjonevoli li l-esponenti ma kienx qieghed jikkonsma d-droga ghall-uzu personali tieghu.

L-esponenti jhoss li kien ingust ghall-ahhar illi l-Qorti xorta wahda waslet ghall-konkluzjonijiet taghha li ssib il-htija fl-esponenti abbazi ta' assunzjonijiet matematici ta' kemm seta' kkonsma droga wara li gie eskluz l-ammont ta' droga misjuba u ghal assunzjonijiet tal-fatti abbazi tal-fatt illi skond il-Qorti, galadarba l-esponenti ma kienx jikkonsma b'mod frekwenti, allura tali qratas misjuba ma setax ikun illi kien ser jikkonsmahom kollha hu matul certu perjodu ta' zmien.

Illi bid-dovut rispett, *nonostante* huwa risaput u kkunsidrat illi kull kaz hu differenti minn iehor, ghandu jigi ghaldaqstant ikkunsidrat illi l-Qorti ghandha tikkonsidra wkoll il-fatt li f'kazijiet bhal dawn kollox jiddependi mill-assjem tal-provi kif migbura li jwasslu ghal konkluzjoni li effettivament ikunx hemm jew ma jkunx hemm provi bizzejjed minghajr ebda dubju ragjonevoli li d-droga ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, xejn inqas u xejn iktar.

L-esponenti jishaq illi kemm matul il-proceduri quddiem il-Qorti kif ukoll waqt l-investigazzjoni mwettqa mill-pulizija, kellu komportament tajjeb u kkopera mal-pulizija b'tali manjiera li kien hemm l-ammissjoni volontarja minnu stess illi d-droga kienet ghall-uzu personali tieghu w dana hu kkonfermat mill-ispettur stess matul ix-xhieda tieghu. Apparti tali ammissjoni, l-Prosekuzzjoni ma ppruvat xejn illi kien hemm hjiel ta' traffikar jew cirkostanzi ohra li jindikaw fatturi *oltre* l-uzu personali. Grad ta' prova li tispetta li tigi fornuta mill-Prosekuzzjoni minghajr ma jhallu dubji fl-interpretazzjoni ta' tali prova. Dana bhal ezempju zghir imma ndikattiv f'kazijiet simili jekk instabitx kafeina, li kif inhu risaput li s-sejbien taghha tiggenera hafna suspetti li d-droga ma kinitx qieghda tintuza ghall-uzu personali. Ezempji ohra fejn lanqas ma ngabu provi ta' xhieda jew persuni li l-Prosekuzzjoni ppruvat tinsinwa bhala li kien hemm ghaddej traffikar, boroz tal-plastik vojta jew kantunieri tal-boroz tal-plastik fejn fihom solitament tinbiegh id-droga. Xi noti li jindikaw numri tat-telefon jew ismijiet ta' klijenti tad-droga jew spaccjaturi, jew inkella messaggi fuq il-mowbajl.

Illi ma jistax ma jigix ikkunsidrat ir-rapport tal-espert Joseph Mallia, liema espert gie nominat sabiex janalizza l-kontenut tad-dokumenti DT2 sa DT4 ghall-prezenza u zviluppar ta' mpronti digitali u wara jikkompara dawn mal-impronti digitali tal-imputat, irrizulta fin-negattiv.

Wiehed jistaqsi jekk il-Qorti tistax tasal ghal konvinciment morali li tali droga ma kinitx ghall-uzu personali tal-esponenti minghajr dubju ragjonevoli, fuq nuqqas ta' provi daqshekk rilevanti biex inehhu kull dubju ezistenti meta ma gewx fornuti tali provi mill-Prosekuzzjoni.

Illi l-esponenti hass ruhu ghaldaqstant aggravat illi l-Qorti waslet ghas-sejbien ta' htija fil-konfronti tieghu abbazi ta' kalkoli u assunzjonijiet matematici, u ta' fatti skond kif l-Onorabbli Qorti hasset li taghti l-interpretazzjoni taghha li wassluha tikkonkludi li l-esponenti kkonsma madwar zewg grammi kokaina u ghalhekk bizzejjed ghal ghaxar dozi. Assunzjonijiet li bir-rispett kollu jhallu tracci ta' dubju sostanzjali jekk effettivament sehhx dak li qieghed jigi hekk konkluz.

2. Illi l-esponenti hass ruhu aggravat fuq il-piena li mponiet il-Qorti abbazi tas-sejbien ta' htija skond is-sentenza msemmija hawn fuq. Illi bid-dovut rispett lejn il-Qorti, jekk verament hemm twemmin u inizjattiva sabiex tkompli tara l-progress fl-imgieba tal-esponenti, l-piena karcerarja effettiva zgur li mhux ser tkun is-soluzzjoni idonea li l-appellant haqqu izda sincerament ser isservi biss sabiex tippregudika l-progress li kien ghaddej bih fil-hajja tieghu ta' kuljum hekk kif tixhed ukoll il-fedina penali tieghu.

Fic-cirkostanzi prezenti, l-piena ta' prigunerija effettiva zgur li mhux wahda idonea ghaliex apparti li *ai termini* tal-Artikolu 28A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tinhass in-necessita' li jigi mistqarr umilment illi l-Qorti m'ghandhiex titratta ma' hati permezz ta' prigunerija effettiva meta ma rrizulta minn imkien tali uzu mhux esklussiv fuq il-kokaina, nkluz l-ammont ta' sejbien ta' kannabis.

L-esponenti ghandu diffikultajiet kbar f'sahhtu f'dak li tirrigwardja kundizzjonijiet kumplikati f'qalbu, fejn sfortunatament ma jistax jahdem u ghaldaqstant, il-prigunerija effettiva, nkluz il-multa ghaldaqstant gholja, hija piena harxa wisq tenut kont tal-provi li ma wasslu ghall-ebda gravita' fil-kaz innifsu. L-esponenti ma jistax jahdem minhabba l-kundizzjoni dghajfa ta' sahhtu w tali piena ser tpoggi fid-diffikulta kbira finanzjarja kif ukoll fl-istat animuz tieghu, fejn ihoss illi kien ikun ahjar illi jinhatar *probation officer* biex jghinu jimmeljora hajtu ghall-ahjar, b'tali mod illi tenut kont tac-cirkostanzi tieghu, huwa jghin ruhu biex jaghmel progress f'hajtu b'ghajnuna professjonali tenut kont ukoll ta' sahhtu ghaliex fl-ahhar mill-ahhar, il-gustizzja hija ntiza biex tiehu hsieb tirregola mhux biss is-sitwazzjoni prezenti ta' zball li jkun gie mwettaq, izda biex tahseb ghall-futur ta' min ikun zbalja u tipprovdi tghin biex persuna jkollha l-ghajnuna necessarja sabiex ma jkollhiex raguni ghalfejn terga' tizbalja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju ewlieni imqanqal mill-appellant huwa dirett lejn l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti meta sabitu hati tar-reat tal-pussess aggravat tad-droga kokajina u dan ghaliex fil-fehma tieghu l-ammont ta' droga misjub fil-pussess tieghu, li kien wiehed minimu, kien indikattiv ta' uzu personali kif sostna fix-xiehda tieghu.

Illi fil-kors tat-trattazzjoni tal-appell, l-appellant jerga' iqanqal il-kwistjoni dwar l-inammissibilita' bhala prova tal-istqarrija rilaxxjata minnu lil pulizija lura fis-sena 2009 meta kien gie arrestat, kif ukoll tad-dikjarazzjonijiet illi huwa kien ghamel mas-Supretendent Dennis Theuma qabel ma gie interrogat, billi huwa tal-fehma illi l-istess prova hija leziva tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq stante illi huwa qatt ma ikkonsulta ma' avukat jew kien assistit skont il-ligi, kuntrarjament ghal dak deciz mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Fil-fatt huwa jressaq dan l-aggravju ulterjuri permezz ta' nota ipprezentata fit-02 ta' Marzu 2017. B'mod specjali l-appellant jilmenta mill-fatt illi l-Ewwel Qorti strahet fid-decizjoni taghha fuq dak li l-appellant stqarr mas-Supretendent Theuma waqt li kien qed jinzamm arrestat izda mhux waqt it-tehid tal-istqarrija. Dan ghaliex dawn id-dikjarazzjonijiet jirrizultaw unikament mix-xhieda tas-Supretendent Theuma fejn dan ix-xhud jistqarr illi dak li qallu l-appellant *di visu* kien inkonsistenti ma' dak minnu mistqarr meta imbaghad irrilaxxja l-istqarrija tieghu bil-miktub, liema inkonsistenzi kellhom piz fuq id-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti meta sabitu hati tar-reat tal-pussess aggravat tad-droga kokajina.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-atti ghandu jirriżulta illi nhar is-17 ta' Jannar 2009 il-pulizija ta'l-Iskwadra kontra d-droga ircevew informazzjoni illi l-appellant kien involut fiċ-ċirku ta' traffikar tad-droga. Infatti meta bdiet l-investigazzjoni u saret tfittxija fir-residenza tal-appellant instabu diversi oġġetti relatati mal-abbuż tad-droga fosthom tlett qratas kontenenti sustanza bajdanija suspettata kokajina kif ukoll biċċiet żgħar suspettati raża tal-cannabis. Fl-istess żminijiet saru tfittxijiet ukoll fil-konfront ta' persuna oħra, certu Mary Schembri, fuq suspett li din kienet ukoll parti minn dan l-

istess ċirku b'kompliċita mal-appellant. Gew mitkellma dawn it-tnejn minn nies mill-pulizija fejn Schembri ndikat illi l-miżien elettroniku li kien gie misjub fir-residenza taghha kien ġie mgħoddi lilha mill-appellant.

Jidher illi hekk kif l-appellant gie arrestat u mehud id-Depot tal-pulizija sabiex jigi interrogat huwa gie mitkellem mis-Supretendent (illum Assistent Kummissarju) Dennis Theuma. Dak mistqarr mill-appellant lill-Ufficjal Investigattiv, izda, ma giex registrat bil-miktub billi s-Supretendent ighid li kien sar il-hin u allura l-appellant gie mehud lejn il-*lock up*. L-ghada fil-ghodu l-appellant rega gie mitkellem sabiex l-istqarrija issa tigi irregistrata skont il-ligi, izda hawnhekk jigi allegat mis-sur Theuma illi l-appellant biddel il-verzjoni tal-fatti.

Inizjalment l-appellant kien stqarr illi kien ġie mogħti erba'qratas bil-kokajina minn żewġ persuni Afrikani li kien ġieli jiltaqa' magħhom fl-istabbiliment bl-isem Lemon and Lime Bar ġewwa Marsascala u dan bil-ghan li din tigi ikkustodita minnu ghal xi hin. In oltre gharrafhom li dawn in-nies kellhom jiġbru dik id-droga mingħandu aktar tard fejn għal dan il-pjaċir li kien ser jagħmlilhom kien ser jingħata gramma frak weraq tal-cannabis. Filwaqt li ammetta li ġieli pejjep ir-raża tal-kannabis l-appellant stqarr illi hu qatt m'abbuża mid-droga kokajina għal raġunijiet ta' saħħa. In oltre informa lill-pulizija li hu kien ghadda xi ftit mill-kokajina misjuba fir-residenza tiegħu lil ħabib tiegħu biex iduqha u dan għax ma kienx bi ħsiebu jużaha hu. Informazzjoni ulterjuri dwar l-persuni Afrikani u dwar il-ħabib ma inghatatx mill-appellant. Jikkonferma izda dak li kienet stqarret Mary Schembri mal-pulizija dwar il-miżien elettroniku, fejn stqarr mdanakollu li dan kien sabu gewwa *playing field*, hasbu gugarell u ghaddieh lil Schembri.

Meta imbaghad jigi mitkellem l-ghada fil-ghodu u allura meta imbaghad l-istqarrija tigi formalment mehuda bil-miktub huwa jaghti verżjoni differenti fejn din id-darba ighid illi qabel l-arrest tiegħu kien miexi mal-*promenade* ta' Marsascala fejn kien innota żewġ persuni Afrikani jaġixxu b'mod suspettuz peress li kien hemm vettura tal-pulizija fl-akwati. Innota lil dawn in-nies jaħbu xi ħaġa taħt dgħajsa li kienet mitluqa max-xatt. Hu mar jara x'kienu ħbew fejn hemm sab id-droga li nstabet għandu sussegwentement. Jikkonferma dak li kien stqarr għal dak li jirrigwarda l-

mizien u li r-raża misjuba għandu kien filfatt xtraha mingħand l-Afrikani minn ħdejn il-Marsa Open Centre. Hawnhekk ammetta li l-cannabis kienet għall-użu esklussiv tiegħu. Sussegwentement l-appellant tressaq il-Qorti, fejn iddepona *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti fejn essenzjalment kkonferma t-tieni verżjoni moghtija lill-pulizija, ghalkemm anke hawnhekk jipprezentaw rwiehom xi divergenzi zghar, fejn saħaq illi kien ta żewġ verżjonijiet differenti lil pulizija *a tempo vergine* sabiex jipproteġi lil Mary Schembri li kienet sfat arrestata miegħu.

Ikkunsidrat:

Illi allura qabel ma tinoltra ruhha fl-aggravju dwar il-mertu l-Qorti trid necessarjament titratta l-aggravju mqajjem dwar l-ammissibilita bhala prova tal-istqarrijiet rilaxxati mill-appellant billi fil-fehma tiegħu u fid-dawl ta' ġurisprudenza reċenti Ewropeja dawn għandhom jiġu skartati gjaldarba huwa rrilaxxja l-istess minghajr ma kellu l-assistenza legali.

Issa din il-Qorti, kif ippresjeduta kellha diga' okkazjoni tesprimi ruhha fir-rigward u dan referribilment ghal dawk l-istqarrijiet rilaxxjati qabel Frar tas-sena 2010, billi l-ligi dak iz-zmien kienet tipprekludi lill-persuna arrestata milli tiehu parir legali qabel ma tigi interrogata bil-konsegwenza allura li kien hemm il-perikolu li tinkrimina ruhha ghaliex l-istqarrija kienet titqies bhala prova regina fil-proceduri penali li jigu istitwiti sussegwentement.

Illi tali fehma kienet imsejsa fuq il-linja mehuda mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz "Borg vs Malta[1]" fejn sa dak iz-zmien d-decizjonijiet kienu kollha konsoni fil-konkluzjoni taghhom illi jkun hemm vjolazzjoni ta'l-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni kull meta persuna arrestata u interrogata ma tkunx inghatat assistenza legali qabel ma tigi assoggettata ghall-interrogazzjoni fejn tista' tinkrimina ruhha u dan meta l-ligi tal-pajjiz kienet teskludi b'mod sistematiku tali jedd, sakemm ma jkunx hemm xi raguni impellenti li minhabba fiha dan id-dritt ghandu jigi michud.

> "**60. The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was**

[1] Deciza Grand Chamber 12/01/2016

**not possible under the law then in force (see, for example, *Salduz*, cited above, § 56; *Navone and Others v. Monaco,* 24 October 2013; *Brusco v. France*, October 2010; and *Stojkovic v. France and Belgium*, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, *Dayanan v. Turkey*, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; *Yeşilkaya v. Turkey*, no. 59780/00, 8 December 2009; and *Fazli Kaya v. Turkey*, no. 24820/05, 17 September 2013).**

**61. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see *Salduz*, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).**

**62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see *Salduz*, cited above, §§ 52, 55 and 56).**

**63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention**."

Issa l-appellant qieghed jattakka mhux biss l-istqarrija li huwa irrilaxxja lill-pulizija fit-18 ta' Jannar 2009 esebieta bhala Dokument DT1, izda ukoll u fuq kollox dawk id-dikjarazzjonijiet illi huwa ghamel mal-Ufficjal Investigattiv fil-lejla precedenti t-tehid tal-istqarrija u li qatt ma gew mnizzla bil-miktub. Dan ghaliex l-Ufficjal Investigattiv jallega illi huwa biddel il-verzjoni tieghu tal-fatti u fil-fatt l-Ewwel Qorti sejset is-sejbien ta' htija b'mod ewlieni fuq dawn l-allegati inkonsistenzi li kien hemm fil-verzjonijiet tal-fatti moghtija minnu.

Illi s-sentenza fl-ismijiet "ir-Repubblika ta' Malta vs Rio Micallef et" deciza mil-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) itrattat proprju dan il-punt ta' dritt u traccat l-izvilupp gurisprudenjzali kemm lokali kif ukoll tal-Qorti Ewropeja f'din il-materja:

**"7. Brevement rakkontata is-sitwazzjoni qabel l-2002, fil-kwistjoni tal-istqarrija fil-pre trial stage, persuna arrestata ma kellha ebda jedd ghall-xi**

**forma ta' assistenza legali sakemm iddum arrestata inkluz waqt l-interrogatorju. L-Att III tal-2002 imbaghad introduca fis-sistema legali taghna forma ta' dritt ta' assistenza legali billi ta il-jedd li persuna arrestata tkun intitolata titkellem wicc imm'wicc jew bit-telefon ma' avukat jew prokuratur legali ghal mhux aktar minn siegha zmien ex artikolu 355 AT tal-Kap 9. Dan il-jedd ma dahalx fis-sistema legali taghna minghajr skossi ghaliex l-artikolu 355 AU imbaghad holoq id-dritt tal-inferenza, igifieri, li f'kaz fejn l-arrestat ikun utilizza d-dritt li jikkonsulta mal-legali tieghu, ikun naqas milli jsemmi fatti li ragonevolment ikun mistenni li jsemmi, l-Qorti, allura fi stadju wara l-pre trial stage, "tista taghmel dawk l-inferenzi minn dan in-nuqqas bhala jidhru xierqa, liema inferenzi ma jistghux wahedhom jitqiesu bhala prova ta' htija izda jistghu jitqiesu bhala li jammontaw ghal korroborazzjoni ta' kull xhieda ta' htija tal-persuna akkuzata jew imputata". Dan kien ifisser illi ma tistghax issir tali inferenza f'dak il-kaz li l-persuna arrestata taghzel li ma taghmilx uzu mill-jedd ghall-assistenza legali. Mqabbla dawn il-provvedimenti mad-Direttiva numru 2013/48/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dritt ghall-assistenza legali waqt l-arrest, kien hemm lok ghal-dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt ghall-assistenza legali moghti lill-arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif ezistenti dakinhar taht il-ligi taghna, kien ristrett ghal siegha qabel l-interrogatorju u b'hekk kien jeskludi l-jedd tal-presenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju. F'dak l-istadju l-arrestat kien soggett ghal-mistoqsijiet diretti u suggestivi bir-risposti taghhom, anke jekk jghazel li ma jwegibx, bit-traskrizzjoni tieghu tkun eventwalment esebita fil-proceduri kontrih fejn ikun meqjus innocenti sakemm pruvat mod iehor. Tajjeb li jkun rilevat ukoll illi l-Att III tal-2002 ma dahalx fis-sehh qabel is-sena 2010;**

**8. Gara, izda, illi l-Att LI tal-2017 biddel l-Artikolu 355AT u l-Artikoliu 355 AU meta dahal fil-kodici id-dritt tal-assistenza legali kif postulat fid-Direttiva 2013/48 EU. Dawn l-emendi dahlu fis-sehh permezz tal-Avviz Legali 401/2016, igifieri ferm wara l-ghoti tal-ewwel sentenza. Tajjeb li jinghad ukoll illi bis-sahha tal-Avviz Legali 102/2017 maghmulha taht il-Kodici Kriminali, kienu introdotti fis-sistema legali taghna ir-Regolamenti dwar il-procedura waqt l-interogazzjoni ta' persuni suspettati u persuni akkuzati; [2]"**

Dwar id-dikjarazzjonijiet verbali maghmula mill-persuna arrestata gie deciz hekk:

**"9. Fil-Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights – updated on 31 December 2018 mahrug minn Directorate of the Jurisconsult dwar it-tifsira ta' "criminal charge" kien sommat hekk:**

***The Court held that a person arrested on suspicion of having committed a criminal offence (Heaney and McGuinness v. Ireland, ss42; Brusco v. France,***

[2] Repubblika ta' Malta vs Rio Micallef, David Tabone u Darren James Vella – Appell 14/2013/1 deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri, deċiża nhar it-3 ta' April 2019.

*ss 47-50), a suspect questioned about his involvement in acts constituting a criminal offence (Aleksander Zaichenko v. Russia, ss 41-43; Yankov and Others v. Bulgaria, ss 23; Schmid-Laffer v. Switzerland, ss 30-31) and a person who has been questioned in respect of her suspect involvement in an offence although she was treated as a witness (Kaleja v. Latvia, ss 36-41) as well as a person who has been formally charged with a criminal offence under procedure set out in domestic law (Pelissier and Sassi v. France[GC], ss 66; Pedersen and Baadsgard v. Denmark [GC}, ss 44) could all be regarded as being "charged with a criminal offence" and claim the protection of Article 6 of the Convention.*

**10. Issa, l-Qorti Kriminali, korrettament interpretat il-kelma "stqarrija" bhala kull dikjarazzjoni maghmula lill-pulizija u dan preventivament ukoll sabiex tilqa' ghal kull punt ta' ligi li jista' talvolta jinqala' waqt il-guri. Din il-Qorti ma tarax kif tista' ticcensura din l-interpretazzjoni aktar u aktar meta jkun inutili tilqa' talba tal-inammissibilita' ta' stqarrija bil-miktub izda mhux wahda maghmulha bil-fomm u frankament ma tara ebda differenza bejn it-tnejn mil-ottika tad-Direttiva 2013/48/UE kif trasposta fl-artikolu 355 AT u 355AU tal-Kodici Kriminali."**

B'dan ghalhekk illi l-Qorti tat l-istess interpretazzjoni kemm ghal dawk l-istqarrijiet mehuda bil-miktub kif ukoll ghal dawk miksuba verbalment waqt l-investigazzjonijiet u allura fil-mument meta l-persuna suspettata titqieghed f'posizzjoni fejn tista tkun assoggetata ghal proceduri kriminali. Fil-fatt il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem testendi it-tifsira ta' "criminal charge" mill-mument illi persuna tkun ser tigi affetwata minn xi att investigattiv tal-pulizija.(ara Alexander Zaichenko vs Russia – 18/02/2010):

*"The Court reiterates that in criminal matters, Article 6 of the Convention comes into play as soon as the peson is"charged"; this may occur on a date prior to the case coming before the trial court, such as the date of arrest, the date when the person concerned was officially notified that he would be prosecuted or the date when the preliminary investigations were opened. 'Charge' for the purposes of article 6(1) may be defined as the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence" a definition that also corresponds to the test whether the situation of the person has been substantially affected."*

Dan ghaliex l-istadju tal-investigazzjonijiet fil-gurisprudenza ewropeja jassumi importanza fl-ambitu tal-proceduri penali billi is-smigh xieraq tal-persuna li qed

tiffaccja dawn il-proceduri jista' jigi mittiefes minn kwalunkwe att investigattiv jekk il-persuna investigata ma tkunx giet moghtija il-jeddijiet skont il-Konvenzjoni, b'mod partikolari allura il-jedd ghall-assistenza legali li ghandu jigi applikat mill-bidunett. Dan ifisser allura illi l-jedd ghall-assistenza legali ghandu jitwieled mal-mument ta'l-arrest irrispettivament minn kwalunkwe interrogazzjoni.

Illi sfortunatament din is-"saga" dwar l-ammissibilita' o meno bhala prova ta'l-istqarrija rilaxxjata mill-persuna akkuzata jew ta' kwalunkwe dikjarazzjoni minnu maghmula mal-mument tal-arrest tieghu, meta din ma tkunx giet assistita minn avukat ghadha ma ratx it-tmiem taghha, bil-qrati taghna issa rinfaccjati b'decizjonijiet godda mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li fil-fehma ta' din il-Qorti, imorru lura ghall-*istatus quo ante* d-decizjoni "Borg vs Malta". U ghalkemm f'din id-decizjoni kienet saret kritika lejn il-qrati Maltin u dan ghaliex d-decizjonijiet ma kenux qed jimxu kollha b'mod konformi, issa din l-istess Qorti wasslet hi stess biex qed timxi b'nuqqas ta' konformita' l-aktar bid-decizjonijiet recenti li inghataw u cioe' Beuze vs Belgium (decizjoni Grand Chamber), Doyle vs Ireland (Court 5th Section) u dik li laqtet lil pajjizna "Farrugia vs Malta" deciza fl-04 ta' Gunju 2019 (Court 3rd Section) fejn il-Qorti strahet fuq il-konsiderazzjonijiet minnha maghmula fil-kawza "Beuze vs Belgium[3]" meta holqot test imsejjes fuq zewg binarji li l-qorti trid taghmel f'kull kaz ghalih meta qalet:

> **"97. In *Beuze*, drawing from its previous case-law the Court explained the aims pursued by the right of access to a lawyer (§§ 125-130) and elaborated on the content of the right of access to a lawyer reiterating, in particular, that suspects must be able to enter into contact with a lawyer from the time when they are taken into custody. It must therefore be possible for a suspect to consult with his or her lawyer prior to an interview or even where there is no interview and that suspects have the right for their lawyer to be physically present during their initial police interviews and whenever they are questioned in the subsequent pre-trial proceedings (§§ 133-134).**
>
> **98. Prior to the recent *Beuze* judgment, in a number of cases, the Court found that systematic restrictions on the right of access to a lawyer had led, *ab initio*, to a violation of the Convention (see, in particular, *Dayanan v. Turkey*, no. 7377/03, § 33, 13 October 2009 and *Boz v. Turkey*, no. 2039/04, § 35, 9 February 2010). That same approach was followed by the Court in relation to the Maltese context in *Borg* (no. 37537/13, 12 January 2016).**

[3] Deciza mill-Grand Chamber fid-09 ta' Novembru 2018

99. Subsequently, being confronted with a certain divergence in the approach to be followed in cases dealing with the right of access to a lawyer, the Court had occasion to further examine the matter in *Ibrahim and Others*, *Simeonovi* and more recently in *Beuze*, all cited above, where the Court departed from the principle set out in the preceding paragraph. In *Beuze*, the most recent authority on the matter, the Grand Chamber gave prominence to the examination of the overall fairness approach and confirmed the applicability of a two stage test, namely whether there are compelling reasons to justify the restriction as well as the examination of the overall fairness and provided further clarification as to each of those stages and the relationship between them, as explained below.

*i) Concept of compelling reasons*

100. The criterion of "compelling reasons" is a stringent one: having regard to the fundamental nature and importance of early access to legal advice, in particular at the suspect's first police interview, restrictions on access to a lawyer are permitted only in exceptional circumstances, must be of a temporary nature and must be based on an individual assessment of the particular circumstances of the case. A finding of compelling reasons cannot stem from the mere existence of legislation precluding the presence of a lawyer. The fact that there is a general and mandatory restriction on the right of access to a lawyer, having a statutory basis, does not remove the need for the national authorities to ascertain, through an individual and case-specific assessment, whether there are any compelling reasons. Where a respondent Government have convincingly demonstrated the existence of an urgent need to avert serious adverse consequences for life, liberty or physical integrity in a given case, this can amount to a compelling reason to restrict access to legal advice for the purposes of Article 6 of the Convention (see *Beuze*, cited above, §§ 142-143).

*(ii) The fairness of the proceedings as a whole and the relationship between the two stages of the test*

101. Where there are no compelling reasons, the Court must apply very strict scrutiny to its fairness assessment. The absence of such reasons weighs heavily in the balance when assessing the overall fairness of the criminal proceedings and may tip the balance towards finding a violation. The onus will then be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer (see *Beuze*, cited above, § 145).

102. The Court further emphasises that where access to a lawyer was delayed, and where the suspect was not notified of the right to legal assistance, the privilege against self-incrimination or the right to remain silent, it will be even more difficult for the Government to show that the proceedings as a whole were fair (ibid., § 146).

103. As the Court has already observed, subject to respect for the overall fairness of the proceedings, the conditions for the application of Article 6 §§ 1 and 3 (c) during police custody and the pre-trial proceedings

**will depend on the specific nature of those two phases and on the circumstances of the case (ibid., § 149).**

***(iii) Relevant factors for the overall fairness assessment***

**104. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account:**

**(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;**

**(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;**

**(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;**

**(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;**

**(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;**

**(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;**

**(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;**

**(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;**

**(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and**

**(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice."**

Illi din id-decizjoni wasslet ghalhekk ghal ezami gdid li ghandu isir f'kull kaz ghalih sabiex titqies l-ammissibilita' o meno tal-istqarrija bhala prova in atti. Id-*dissenting opinions* ghal din id-decizjoni ta'l-Imhallfin Serghides u Pinto de Albuquerque jaghtu stampa tal-*iter* li hadu id-decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja fuq dan il-punt u jikkritikaw din id-decizjoni billi fil-fehma taghhom tmur kontra il-principju tas-smigh xieraq kif imhaddan fil-Konvenzjoni. Illi l-Qorti ser taghmel referenza ghal din l-opinjoni billi fil-fehma taghha tipprovdi stampa dwar il-kunflitt li hemm fil-hsibijiet wara d-decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja n materja:

**I. Two approaches to the right to a lawyer**

> **2. There are two basic Grand Chamber case-law approaches regarding the interpretation and application of Article 6 § 3 (c). The first approach (henceforth referred to as such) is that of *John Murray v. the United Kingdom*[1] and *Salduz v. Turkey*[2]. Under this approach, evaluation of the overall fairness of a trial (stage two) is required only when there were compelling reasons justifying the restriction on the right to a lawyer (stage one): "the question, in each case, has therefore been whether the restriction was justified *and if so*, whether in the light of the entirety of the proceedings it has not deprived the accused from a fair hearing"[3]. Hence, according to this approach, there should be no stage two if at stage one it is found that there were not compelling reasons for the restriction.**
>
> **3. The second approach (henceforth referred to as such) is that of *Ibrahim and Others v. the United Kingdom*[4], *Simeonovi v. Bulgaria*[5] and *Beuze v. Belgium*[6].Pursuant to this approach, an evaluation of the overall fairness of the trial is always required, even if there were not compelling reasons which justified the restriction. Hence, under this approach there is a compulsory two-stage test in every case.**

Fil-fehma taghhom gjaldarba ma tezisti l-ebda raguni impellenti 'il ghala l-persuna suspettata tkun giet imcahhda mid-dritt ghall-assistenza legali, allura f'dak il-kaz tinsorgi awtomatikament il-lezjoni fit-termini tal-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni minghajr il-htiega li l-Qorti tezamina l-proceduri penali fl-intier taghhom sabiex tqies jekk tkunx saret ingustizzja mal-persuna akkuzata. Ikomplu hekk jikkritikaw din id-decizjoni:

> **" The second approach interpreted the Article 6 § 3 (c) right in a manner contrary to its wording, object and purpose, and diminished its importance to the extent that its core is seriously, if not mortally, affected. Thus, we do not consider it an advancement or further realisation[10], but a retrogression of the relevant human right. Such a result could have been avoided if the Court had never lost sight of the principle of effectiveness in the interpretation and application of the right to a lawyer."**

U jikkonkludu hekk wara li jezaminaw l-argumenti imressqa mil-maggoranza tal-Imhallfin li wasslu ghal konkluzjoni li ma kienx hemm ebda vjolazzjoni tal-artikolu 6 fil-kaz ta' Farrugia, li kien gie imcahhad mid-dritt ghall-assistenza legali qabel ma gie interrogat, gie illiberat mill-Ewwel Qorti izda misjub hati mill-Qorti ta'l-Appell fejn ghalkemm dik il-qorti strahet fuq evidenza ohra li kien hemm fl-atti, madanakollu qieset illi Farrugia ma kienx kredibbli fl-istqarrijiet minnu rilaxxjati sabiex b'hekk tat iktar piz lill-provi l-ohra li kien hemm kontrieh:

> **"This is a truly Kafkaesque case, in which an already acquitted defendant ultimately finds himself convicted on the basis of shaky testimony from one single prosecution witness and the appellate judges' doubts regarding the credibility of the defendant's replies to police questions concerning facts unrelated to the imputed offence. We were already persuaded that, under the first approach, his conviction should not stand. It is clear from the above analysis that all the arguments used by the majority in applying the second approach are unfounded. After concluding this analysis, we are further strengthened in our firm conviction that there has been a violation of Article 6 §§ 1 and 3 (c) of the Convention in the present case. Having found such a violation, we would obviously award the applicant a sum in respect of non-pecuniary damage."**

Illi l-Qorti taqbel ma' din il-fehma ghaliex gjaldarba ma hemm ebda raguni impellenti li abbazi taghha l-persuna suspettata tkun giet mcahhda mill-jedd ghall-assistenza legali, anke jekk wahda minima, allura kwalunkwe dikjarazzjoni hekk rilaxxjata tpoggi lil dik il-persuna sussegwentement akkuzata fi zvantagg, meta dak dikjarat minnha fi stadju investigattiv, anke jekk mhux inkriminatorja, tingieb imbaghad bhala prova kontra tieghu/taghha fil-process penali tant ghalhekk illi jkun hemm lezjoni tad-dritt tieghu/taghha ghal smigh xieraq. Dan minghajr il-htiega li jigi ezaminat jekk tali stqarrija kenitx determinanti o meno fil-gudizzju finali u li allura jigu ezaminati "*the overall fairness of the proceedings*", it-tieni kriterju stabbilit fit-test gdid imfassal mill-Qorti Ewropeja. Il-Qorti tirrileva illi qed thaddan din il-fehma biss fir-rigward ta' dawk l-istqarrijiet rilaxxjati qabel Frar tas-sena 2010 u allura fiz-zmien meta kien hemm projbizzjoni assoluta ghal persuna suspettata li tikseb parir legali jew li tkun assistita minn avukat u allura meta fil-maggior parti tal-kazijiet ma kien hemm ebda raguni impellenti 'il ghala l-persuna suspettata kellha tigi imcahhda mill-assistenza legali.

Issa huwa indubitat illi l-Ewwel Qorti ghamlet referenza ampja kemm ghad-dikjarazzjonijiet verbali maghmula mill-appellant lis-Supretendent Theuma wara l-arrest tieghu, kif ukoll ghall-istqarrija mehuda bil-miktub. Qieset illi dak mistqarr mill-appellant kellu jittiehed bhala prova in atti billi dan ma kienx leziv tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq fuq l-iskorta tad-decizjonijiet kostituzzjonali vigenti f'dak iz-zmien u allura fiz-zmien li ppreceda l-pronunzjament *Borg vs Malta* mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Illi din il-Qorti fil-fatt tqies illi dan in-

nuqqas ta' konformita' fil-hsieb mill-oghla qrati kemm ta' pajjizna kif ukoll dawk ewropej qed iwassal ghal interpretazzjonijiet varji u differenti fejn ir-rizultat mhux qed ikun konformi ghal kull persuna akkuzata quddiem il-qrati taghna u dan dwar il-kwezit jekk stqarrija miksuba minghajr id-dritt ta' assistenza legali hijiex leziva tad-dritt tas-smigh xieraq u allura jekk l-istess ghandhiex tigi skarata bhala prova.

Issa huwa indubitat illi f'dan il-kaz ma kien hemm l-ebda raguni impellenti li wasslet sabiex l-appellant jigi imcahhad mid-dritt ghall-assistenza legali. Huwa indubitat ukoll illi l-appellant, li ghazel li jirrinunzja ghal jedd tieghu ghas-silenzju kemm meta gie mitkellem inizzjalment mill-pulizija kif ukoll aktar tard meta irrilaxxja l-istqarrija tieghu bil-miktub wara li ghamel lejl arrestat, beda jbiddel il-verzjonijiet tieghu bir-rizultat illi kif ighid il-Malti, iktar gab il-gebla fuq saqajh billi huwa evidenti illi meta giet biex tippronunzja ruhha dwar il-htija tieghu l-Ewwel Qorti qieset dan bhala fattur determinanti. Madanakollu l-appellant meta ghat-tielet darba jerga' jirrinunzja ghad-dritt tieghu ghas-silenzju meta jixhed *viva voce* fil-qorti huwa issa assistit minn avukat, kellu iz-zmien kollu biex jikkonsulta ruhu u jiehu l-pariri li kellu bzonn u finalment kellu anke stampa cara quddiemu tal-provi kollha li l-prosekuzzjoni issa kellha kontra tieghu.

F'din ix-xhieda l-appellant jammetti illi huwa kellu erba' qratas tal-kokajina li fil-fatt sabu l-pulizija fir-residenza tieghu, izda jinsisti li dawn kienu ghall-uzu personali tieghu tant illi kien diga' ghamel uzu minn ftit minnha. Ighid li din id-droga kienet giet mormija taht dghajsa minn erba' Afrikani gewwa ix-xatt ta' Wied il-Ghajn ghaliex kien hemm xi pulizija fl-akwati qed josservawhom, u wara li telqu huwa mar u gabar din id-droga u zammha ghalih. Fil-borza li jghid li giet mormija sab il-kokajina u ftit raza tal-cannabis li sabu l-pulizija ghandu. Din id-droga izda tinsab mill-pulizija mahzuna f'pakkett tas-sigaretti tad-ditta *Silk Cut*, li l-appellant ighid ukoll li sabu mormi hdejn il-bieb tad-dar tieghu, gabbru u qieghed id-droga fih. Rigward il-mizien ighid li dan gabbru minn *skip* flimkien ma' xi oggetti ohra fosthom arloggi li gew mormija minn sid ta' hanut li kien qed izarma n-negozju tieghu. Dan poggieh fil-*flat* ta' Mary Schembri wara li mar ghandha kif gabar dawn l-oggetti. Ighid li l-affarijiet l-ohra li akkwista minn dan il-hanut irnexxielu

ibieghhom izda l-mizien kien baqa' ghandu. Rigward l-abbuz tieghu mid-droga kokajina ighid li huwa mhuwiex dipendenti fuq din id-droga izda juzaha okkazzjonalment f'xi festin jew celebrazzjoni u b'kollox uza madwar erba' jew hames darbiet.

Illi wara li l-appellant jaghti din il-verzjoni tieghu tal-fatti, l-Ewwel Qorti stess taghmillu referenza ghal dak mistqarr minnu lil pulizija meta kien gie arrestat u tikkonfrontah b'dak dikjarat minnu precedentement bhala inkonsistenti mal-verzjoni tieghu fid-deposizzjoni moghtija quddiemHa. Jinsisti illi dak in-nhar tal-arrest huwa kien imfixkel u ma kienx jaf x'kien qed ighid. Jinsisti wkoll li meta mitkellem l-ewwel darba verbalment huwa ma kienx gie moghti t-twissija skont il-ligi.

Illi minn dan kollu huwa bil-wisq evidenti illi fil-kors tax-xiehda tieghu l-appellant jigi indott jiggustifika dak mistqarr minnu lill-pulizija meta kien gie arrestat u meta allura la kien ha parir minn ghand avukat u wisq anqas kien assistit skont il-ligi, bl-ewwel darba li jigi mitkellem dak mistqarr minnu lanqas jigi registrat bil-miktub. L-appellant jithalla lejl arrestat fil-*lock up* u l-ghada fil-ghodu jerga' jigi mitkellem u aanke jekk fiz-zewg okkazzjonijiet huwa jinghata it-twissija skont il-ligi vigenti f'dak iz-zmien, madanakollu assistenza ta' avukat, kif inghad ma jinghatax.

Issa ghalkemm l-Ewwel Qorti (ghalkemm diversament ippresjeduta) kienet esprimiet ruhha fuq il-mod kif l-istqarrijiet kellhom jigu evalwati minnha bhala prova in atti u dan meta saret talba ghal referenza kostituzzjonali fuq dan il-punt mill-appellant, ghal xi raguni inspjegabbli imbaghad fil-kors ta-xiehda tieghu l-Qorti stess tirrinfaccja lill-appellant b'dawn id-dikjarazzjonijiet. Fil-fatt fid-digriet moghti minnha fl-24 ta' Otturbu 2011, l-Ewwel Qorti qalet li kienet ser tixtarr il-provi kollha migjuba quddiemha qabel ma taghti s-sentenza sabiex "*tassigura ruhha li l-htija jew l-innocenza tal-imputat tigi esklussivament stabbilita minn provi mhux inkwinati minhabba li jilledu il-jedd ghal smiegh xieraq u li l-istqarrija ma jkollha l-ebda influwenza diretta jew indiretta fuq l-ezitu ta' dawk il-proceduri kriminali.*" Issa fil-fehma ta' din il-Qorti, l-Ewwel Qorti ghamlet hija stess referenza ghal dawn il-provi li sejjhet "inkwinati" meta l-appellant iddepona quddiemha, haga li kien perikoluz ferm li taghmel meta kien evidenti mhux biss illi kienu gew moghtija verzjonijiet konfliggenti, u li setghu

jinkriminaw lill-appellant, izda li dawn gew mehuda meta ma kienx assistit minn avukat sabiex b'hekk allura l-Ewwel Qorti strahet fuq din il-prova sabiex tizen il-kredibbilita' tal-appellant meta huwa imbaghad iddepona fil-qorti.

Illi matul id-deposizzjoni tal-appellant, l-Ewwel Qorti stess tinterrogah b'mod dirett fuq dawn il-verzjonijiet konfliggenti u dan ripetutament b'diversi mistoqsijiet kollha maghmula fuq l-istess linja tal-hsieb u cioe' bil-ghan li jigi minnHa stabbilit il-kredibbilita' tal-appellant. Issa huwa minnu illi l-Ewwel Qorti wiznet diversi fatturi fis-sentenza taghha u cioe' applikat, b'sens ta' gharfien  u premonizzjoni, it-test stabbilit fil-kaz hawn fuq iccitat ta' *Farrugia vs Malta* mill-Qorti Ewropeja. Fil-fatt qieset illi l-appellant ma kienx persuna vulnerabbli meta gie interrogat, u li kien hemm provi ohra imressqa mill-Prosekuzzjoni li fuqhom kienet qed issejjes il-kaz taghha.

Dan maghdud, madanakollu, l-izball ta'l-Ewwel Qorti sehh mhux meta wasslet sabiex tixtarr il-provi li kellha quddiemha meta giet biex taghti s-sentenza taghha, izda sehh proprju matul id-deposizzjoni tal-appellant meta kienet Hi stess, b'mod perikoluz, li interrogat lill-appellant fuq il-verzjonijiet konfliggenti moghtija minnu waqt l-interrogazzjonijiet li sarulu u allura fuq provi "inkwinati" biex b'hekk imbaghad wasslet biex sejset il-kwistjoni tal-kredibbilita' tal-appellant meta ddepona fil-qorti abbazi ta' dawn il-konfliggenzi.

Illi allura hija il-fehma ta' din il-Qorti illi kull dikjarazzjoni u/jew stqarrija maghmula mill-appellant wara l-arrest tieghu u meta kien qed jigi interrogat mill-pulizija kellhom jigu skartati gjaldarba dawn id-dikjarazzjoni gew mehuda meta huwa ma kienx kiseb parir legali u wisq anqas kien debitament assistit sabiex finalment dawn l-istqarrijiet kellhom piz fuq il-kredibbilita' tieghu meta l-Ewwel Qorti giet biex twiezen jekk dak mistqarr minnu kienx verosimili.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed tilqa' dan l-aggravju imqanqal mill-appellant u billi tqies illi ma kien hemm ebda raguni impellenti 'il ghala huwa kellu jigi mcahhd mill-jedd tieghu li jkollu l-assistenza legali fl-istadju tal-investigazzjonijiet u billi ukoll il-verzjonijiet moghtija minnu inghataw piz fid-decizjoni ahharija, qed tiskarta kemm l-istqarrija rilaxxjata bil-miktub minnu lil pulizija, kif ukoll kull dikjarazzjoni verbali

hekk rilaxxjata, u ukoll kull referenza li saret mill-Ewwel Qorti ghal tali stqarrijiet u t-twegibiet ghall-istess tul id-deposizzjoni tal-appellant in prim'istanza.

Ikkunsidrat

Illi allura skartati dawn id-dikjarazzjonijiet maghmula mill-appellant, jifdal biex jigi determinat l-aggravju marbut mal-mertu. Issa ghalkemm jinghad illi l-Ewwel Qorti tat piz kbir lil verzjonijiet konfliggenti moghtija mill-appellant sabiex qieset jekk huwa kienx kredibbli fid-deposizzjoni tieghu moghtija fil-qorti, madanakollu fis-sentenza appellata hemm ukoll esposizzjoni erudita tal-provi l-ohra li kien hemm fl-atti li wkoll wasslu lill-Ewwel Qorti tqies illi l-akkuza tal-pussess aggravat tad-droga kokajina ghalkemm wiehed zghir kienet tirrizulta ppruvata. L-Ewwel Qorti qieset:

1. Illi kien verosimili dak mistqarr mill-appellant illi huwa kien ghamel uzu minn ftit mill-kokajina misjuba fil-pussess tieghu u cioe' minn madwar 0.2 grammi minn qartas li x'aktarx kellu kwazi 0.5 grammi fih.

2. Illi l-piz tal-qratas l-ohra kien bejn wiehed u iehor l-istess, u cioe' ta' 0.57 grammi, 0.46 grammi u 0.45 grammi. Biex b'hekk b'kollox instabu fil-pussess tal-appellant 1.77 grammi kokajina. Tikkoncedi illi dan ma kienx xi ammont konsiderevoli.

3. Il-mod kif kienet maqsuma din id-droga f'boroz tal-*plastic self sealing*.

4. Dak mistqarr mill-appellant fid-deposizzjoni tieghu fil-qorti illi hu jaghmel uzu mill-kokajina okkazzjonalment u cioe' f'xi festin jew celebrazzjoni u li uza ghal madwar erba' jew hames darbiet biss.

5. L-ammont totali li kellu l-appellant fil-pussess tieghu kien ekwivalenti ghal madwar tmien sa ghaxar dozi u dan kif jikkonkludi l-espert minnha nominat Godwin Sammut.

6. Dan l-ammont kien wiehed kosniderevoli ghal persuna li stqarr li juza d-droga kokajina sporadikament.

7. Mary Schembri tixhed illi l-imputat ma kellux dipendenza fuq id-droga.

8. Is-sejbien tal-mizien elettroniku fl-appartament vojt ta' Mary Schembri u l-verzjoni xejn kredibbli ta' kif dan il-mizien gie minnu akkwistat u kif sab ruhu ghand l-imsemmija Schembri.
9. L-imputat kellu access lilberu ghall-appartament ta' Schembri u hija tistqarr illi qabel ma l-mizien gie misjub ghandha mill-pulizija, hija qatt ma kienet ratu qabel.
10. Il-persuna minn ghand min l-appellant ighid li akkwista dan il-mizien matul id-deposizzjoni tieghu (u cioe' sid il-hanut li kien qiegehd izarma in-negozju tieghu u li kien qed jiddisponi minn xi oggetti li ma kellux uzu aktar ghalihom gewwa skip) ma jingiebx minnu biex jixhed biex jikkonferma dan il-fatt.

Illi allura l-Ewwel Qorti wasslet ghal sejbien ta' htija mhux biss fuq il-verzjonijiet konfliggenti moghtija mill-appellant, izda fuq kollox abbazi ta' dawn il-provi cirkostanzjali surriferiti.

Illi skartati kif inghad il-verzjonijiet moghtija mill-appellant mal-arrest tieghu, izda mhux id-deposizzjoni tieghu quddiem l-Ewwel Qorti sa fejn din ma taghmilx referenza ghal tali stqarrijiet, din il-Qorti tistqarr ukoll bhall-Ewwel Qorti qabilha illi ma tistax temmen lill-appellant meta ighid li d-droga li kellu fil-pussess tieghu, ghalkemm mhux f'ammont kbir, kien ghall-uzu personali tieghu biss. Dan ghaliex ma jidhirx illi l-appellant kien dipendenti fuq d-droga kokajina. Ighid hu stess li kien jaghmel uzu minnha b'mod sporadiku, u li ma kienx jaffordja jixtri din id-droga. Schembri stess tghid li l-appellant ma jabbuzax mid-droga. Imbaghad hemm is-sejba tal-mizien li abbinat ma' dawn il-fatturi u l-mod kif d-droga giet misjuba maqsuma f'dozi kwazi identici fil-pis u kif kienet imgezwra, iwassal lil din il-Qorti bhall-Ewwel Qorti qabilha li tqies dak li jikkontendi l-appellant fix-xiehda tieghu bala inverosimili. Bhal kif hu ukoll inversosimili l-mod kif l-appellant ighid li giet f'idejh din id-droga u cioe' allegatament gabarha wara li giet mormija minn xi nies ta' dixxendenza Afrikana li lanqas biss jaf min huma. Ukoll ghalkemm l-appellant fix-xiehda tieghu ighid li jpejjep sigaretti tad-ditta *Rothmans ahmar* u ghalkemm ighid illi meta gabar id-droga, din kienet imgezwra f'borza tal-plastic u tal-karti, din instabet

imbaghad mill-pulizija f'pakkett tas-sigaretti tad-ditta *Silk Cut*, li l-appellant ighid li sabu mormi ukoll hdejn id-dar tieghu u qieghed id-droga fih. Dawn il-kumbinazzjonijiet kollha xejn ma huma kredibbli meta mehuda fil-kwadru kollu tal-fatti. Dan ifisser illi din il-Qorti bhall-Ewwel Qorti qabilha hija tal-fehma illi d-droga kokajina misjuba fil-pussess tal-appellant ma kenitx wahda ghall-uzu esklussiv tieghu tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi kollha ta' fatt u li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-appellant meta jiddeponi fil-qorti ma hija xejn kredibbli. Ghaldaqstant dan l-aggravju marbut mal-apprezzament tal-provi qed jigi michud.

Ikkunsidrat:

Illi jifdal biss l-aħħar gravam interpost alternattivament għal-ewwel aggravju għal dak li jirrigwarda l-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Jibda biex jingħad illi r-reat tal-pussess aggravat ta' droga igorr mieghu l-imposizzjoni mandatorja ta' piena karċerarja effettiva kif ukoll tal-multa fit-termini tal-artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprekludi l-applikazzjoni tas-sentenza sospiza skond l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, il-piena taħt il-minimu skond l-artikolu 21 tal-istess Kodiċi kif ukoll l-applikazzjoni tal-ordni tal-probation skond dak dispost fil-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet wahda fil-minimu assolut taghha skond id-dettami tal-artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap.101 biex b'hekk din il-Qorti ma tarax kif b'xi mod tista' tasal ghal xi temperament ulterjuri. Ghahekk anke dan l-aggravju qed jigi michud.

Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi illi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur